# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru, 2024

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 25/2022 ISB**

**Alfred J Baldacchino (K.I. Nru 460737M) u Mediterrenean Research Bureau Ltd (C 642)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Alfred J Baldacchino** u s-soċjeta rikorrenti **Mediterranean Research Bureau Ltd**, intavolat fil-21 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu talbu:-

1. *Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvota meħtieġa u neċessarja tiddikjara li l-penali hekk kif likwidati mir-Reġistratur tal-Kumpaniji permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 253/2022, m'huwiex dovut;*

2. *Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvota meħtieġa u neċessarja tiddikjara li l-ammont hekk kif likwidat mir-Reġistratur tal-Kumpaniji permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 253/2022, m'huwiex dovut kollhu fl-intir tiegħu;*

U dana wara li ppermettew:

1. *Illi in segwitu tal-ittra uffiċjali bin-numru 253/2022 datata 20 ta' Jannar 2022 mibgħuta mir-Reġistratur tal-Kumpaniji kontra Alfred Baldacchino (K.I. Nru 460737M) u Mediterrenean Research Bureau Ltd (C 642) ir-rikorrenti ħassu aggravat bil-kontenut ta l-imsemmija ittra uffiċjali;*

2. *Illi konsegwentement ir-rikorrenti qiegħed jippreżenta dana ir-rikors li qiegħed jiġi mressaq a tenur tal-artikolu 400(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta in oġġezzjoni tal-ittra uffiċjali hawn fuq surreferita, hawn annessa u mmarkata bħala* ***'Dok. A'****, liema ittra uffiċjali ġiet a konjizzjoni tar-rikorrenti nhar is-26 ta' Jannar 2022, wara li ġiet notifikata lit-tifla ta' l-imsemmi rikorrenti u dana peress li huwa kien jinsab rikoverat l-Isptar;*

3. *Illi permezz ta dina l-ittra uffiċjali, ir-Reġistratur tal-Kumpaniji nterpella lir-rikorrenti sabiex fi żmien sebat ijiem iħallas s-somma ta' disa t'elef seba mija u wieħed ewro u ħamsin ċenteżmu (€9,701.50) dovuti bħala penali nkorsi mir-rikorrenti fil-kapaċita tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' kummercjali Mediterranean Research Bureau Ltd;*

***Ix-Xorta tal-Oġġezzjoni***

4. *Illi r-rikorrenti qiegħed joġġezzjona għall-imsemmija ittra uffiċjali stante li preliminarjament hemm numru ta' penali li huma preskritti skont il-liġi u li ċertu penali m'humiex stipulati fil-liġi;*

***Preskrizzjoni***

5. *Illi preliminarjament ir-rikorrenti jissottometti li hemm numru ta' penali preskritti mill-liġi;*

6. *Illi skont l-artikolu 427(3) l-azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt l-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta 'għandha tkun preskritta hekk kif jgħaddu ħames snin **minn meta n-nuqqas ikun sar' (Enfażi Miżjud);***

7. *Illi għalhekk joħroġ ċar li t-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-ġurnata li suppost ir-rikorrenti ssottometta l-prospetti annwali jew l-'accounts', ċioe' l-ġurnata minn meta n-nuqqas sar, u mhux mill-ġurnata minn meta l-konvenut impona l-penali;*

***Penali li m'humiex stipulati fil-liġi***

8. *Illi jekk wieħed jħares lejn d-dokument maħruġ mill-konvenut li jissottolinea l-offiżi, l-ammont dovut, u n-natura tal-ksur tal-liġi, liema dokument ġie anness mal-ittra uffiċjali, wieħed jinnotta li hemm tlett penali li m'humiex stabbiliti u kontemplati fl-artikoli ċitati mill-konvenut, u ċioe':-*

| ***Offence*** | ***Amount Due*** | ***Nature of the Infringement*** |
|---|---|---|
| *CA – **Sect. 183(10)** – Directors failing to deliver or delivering defective annual accounts etc. to Registrar* | *€5,738.50* | *ACCOUNTS 2018 NOT YET FILED AS AT 15/06/2020.* |
| *CA – **Sect. 183(10)** – Directors failing to deliver or delivering defective annual accounts etc. to Registrar.* | *€190* | *Accounts 2016 Not yet Filed Till 07-11-2018.* |
| *CA – **Sect. 183(10)** – Directors failing to deliver or delivering defective annual accounts etc. to Registrar.* | *€160* | *Accounts 2014 Not Yet Filed Till 06-09-2016* |

*(**Enfażi Miżjud**)*

9. *Illi huwa prinċipju bażilari li sabiex wieħed jinsab responsabbli għal att jew omissjoni, tali att jew omissjoni għandhu jkun stabbilit fil-liġi in kwistjoni u l-piena għandha tkun imposta biss, jekk tali tkun stabbilita bil-liġi;*

10. *Illi l-artikolu 183(10) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ineżistenti, u għalhekk effettivament l-konvenut qiegħed jistrieħ u jimponi penali abbażi ta' l-ebda artikolu validu fil-liġi;*

11. *Illi oltre għal informazzjoni li hemm mniżżla fl-ittra uffiċjali u dokumentati annessi magħha għandhu jingħad li anke l-Skeda numru Ħdax tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, erronjament tagħmel referenza*

*għall-multa ai termini tal-Artikolu 183(10), fejn tali artikolu tal-liġi, kif diġa ingħad ma jeżistix fil-liġi;*

*12. Illi għalkemm huwa veru li l-konvenut qua awtorita' pubblika għandha d-dmir li tiġbor penalitajiet taħt l-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, tali eżerċizzju għandhu jsir skont il-liġi u meta jingħata l-avviż li wieħed huwa suġġet għal penali, l-konvenut għandhu 'jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi' u dana ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap. 386;*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur (fol 6 sa fol 8)

Rat **id-digriet** tagħha, tal-4 ta' Marzu 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022 fil-12:15 p.m.

Rat **ir-risposta** tar-Reġistratur tal-Kumpaniji intavolata fit-23 ta' Marzu 2022, li permezz tagħha eċċepixxa:

*Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa null għaliex skont is-subartikolu 14 tal-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji r-rikors promotur kellhu ikun wieħed ġuramentat u dan għaliex l-imsemmi Artikolu jispeċifika illi kull rikors illi issir quddiem dina l-Onorabbli Qorti għandhom japplikaw id-dispozzijonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ghal dak illi ghandu x'jaqsam mal-provedimenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili;*

*Il-kumpannija intimata ġiet reġistrata mar-Registru fl- 1 ta' Ottubru 1966 u matul il-perjodu ta' zmien ta' kemm ilha fuq ir-Registru hija naqset milli tibgħat prospetti u kontijiet annwali skont kif jitlob minnha l-Att dwar il-Kumpaniji għal diversi snin;*

*Illi ta' minn wieħed issemmi illi kien biss wara intervent mir-Reġistratur sabiex tibda tapplika d-diskrezzjoni tagħha sabiex tibda l-proċedura tad-defunct procedure ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att imsemmi illi l-kumpanija u l-uffiċjali taghha illi ħadu ħsieb illi jibgħatu l-prospetti annwali illi huma obbligati illi jibgħatu kull sena skont l-Artikolu 184 tal-Att. Dan l-intervent wassal sabiex il-prospetti annwali għas-snin 2010-2019 kienu ġew sottomessi fl-istess ġurnata ċioe fil-15 ta' Ġunju 2020;*

*Illi iktar minn hekk in-nuqqas t'osservanza ta' wieħed mid-dmirjiet prinċipali u fundamentali ta' direttur huwa dak illi għandu jaċċerta*

*ru]u illu isiru u jintbagħtu l-kontijiet annwali huwa wieħed lampanti u li illu sejjer għal diversi snin sal-ġurnata tal-llum. Ta' minn wieħed issemmi illi l-aħħar kont annwali illi intbagħat mill-kumpanija de quo u mill-uffiċjali tagħha kien dak għas-sena 2009. Huwa imperċettibli kif direttur jista b' xi modd jiġġustifika talli nuqqas li ilu sejjer għal dawn l-aħħar kważi tnax il-sena.Dan mhuwiex sempliċement obbligu legali iżda informazzjoni meħtieġa u indispensabbli illi għandu jiġi għal għarfien ta' terzi persuni kull sena minn naħa tal-kumpanija u,f' dan il-każ, mill-uffiċjal prinċipali tagħha;*

*Illi għaldaqstant tali nuqqasijiet wasslu lir-Reġistratur sabiex toħroġ l-penalitajiet relevanti taħt il-Artikolu 183 u 184 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi d-dritt tal-ħlas għal penali minħabba talli nuqqas joħroġ mill-Artikolu 183 subartikolu (6) u l-Artikolu 184 subartikolu (3) tal-Att illi jipprovdu illi fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispozizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli kull uffiċjal tal-kumpanija illi jkun naqas jiġi suġġett għal penali fissa kif ukoll għal penali oħra għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas;*

*Illi l-Artikolu 2(1) tal-Att jiddefinixxi t-terminu uffiċjal bħala wieħed illi jinkludi direttur ,manager jew segretarju ta' kumpanija izda ma jinkludix awditur. Għaldaqstant Alfred Baldacchino bħala l-uniku direttur tal-kumpanija de quo huwa direttament responsabbli għal kull nuqqas ta' sottomissjoni li għandu jew kellu ssir skont l-Att;*

*Illi filwaqt illi huwa minnu illi l-Artikolu 183 jasal biss sa subartikolu (6) u mhux subartikolu (10) u l-Ħdax l-Iskeda tal-Att baqgħet tirreferi għas-subartikolu (10) tal-Artikolu 183.Iżda ta' minn wieħed issemmi illi dan kien riżultat ta' żball uman fit-tfassil tal-emendi introdutti bl-Att numru XXX1 tal-2015 fejn s-subartikoli (8), (9) u (10) kellhom jiġu nnumerati bħala subartikoli (4),(5) u (6) rispettivament;*

*Illi jidher biċ-ċar illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi subartikolu (10) tal-Artikolu 183 tal-Att dwar il-Kumpanniji kellhu jigi rinumerat bħala subartikolu (6). Huwa vera stramb kif ir-rikkorent jipprova b' xi modd illi jaħrab mill-penali konsegwezjali għan-nuqqas tiegħu billi jgħid illi s-subartikolu ma jeżistiex;*

*Illi għaldaqstant jirriżulta b' modd lampanti illi l-Att jimponi kemm penali fissa kif ukoll penali oħra għal kull jum sakemm jibqa' issir in-nuqqas minn naħa tal-kumpanija u mill-uniku uffiċjal tagħha u li*

*imbagħad twassal jew tirrizulta fil-kwantifikazzjoni imsemmija fl-Iskeda numru Ħdax tal-Att;*

*Illi għalhekk in vista ta' suespost l-esponent jixtieq umilment jissolleva lill dina l-Onorabbli Qorti togħġobha tikkonferma illi talli nuqqas ezista u bħala rizultat ta' dan l-ammont ta' disa t'elef seba mija u wieħed Ewro u ħamsin ċentezmu (Eur 9,701.50) huma dovuti mis-soċjeta kummerċjali Mediterannean Research Bureau Ltd. (C 642) u mir-rikkorent fil-kapaċita tiegħu bħala l-uniku direttur tas-soċjeta imsemmija u dan mingħajr preġuddizju għal ammonti oħra li jistgħu ikunu dovuti sad-data tal-effettiv pagament.*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2023, id-difensur tar-Reġistratur tal-Kumpaniji ddikjarat li qegħda tirtira l-ewwel eċċezzjoni mressqa minnu.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2023, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 26) b'affidavit tar-rikorrent **Alfred Baldacchino** (fol 27). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess rikorrenti li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023, l-intimat ippreżenta nota li tikkontjeni rendikont tal-penalitajiet mitluba (Dok CF1, fol 29 sa fol 42).

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2024, id-difensur tar-rikorrenti ddikjarat li qed tirrimetti ruħha għar-rendikont ta' penalitajiet kif ippreżentat mill-intimat. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' April 2024, wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, il-kawża thalliet għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti in segwitu għall-ittra uffiċjali bir-referenza 253/2022 fejn ir-rikorrenti ġew interpellati mir-Reġistratur intimat sabiex iħallsu is-somma ta' disat' elef, seba' mija u Ewro u ħamsin ċenteżmu (€9,701.50) rappreżentanti penali li ġew inkorsi mir-rikorrenti minħabba li allegatament huma kienu naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għal-liema pretensjonijiet ir-rikorrenti qegħdin joġġezzjonaw.

Isostnu li preliminarjament hemm numru ta' penalitajiet li huma preskritti skont il-liġi u dana ai termini tal-Artikolu 427(3) tal-Kap 386 u li ċertu penalitajiet, indikati minnhom fir-rikors promotur, m'humiex stipulati fil-liġi.

Isostnu wkoll li l-artikolu 183(10) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ineżistenti u għalhekk ma jistgħux jiġu mponuti multi a bażi tiegħu.

Għalhekk jikkontendu li ntavolaw il-proċeduri odjerni sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-ammont fuq indikat mhuwiex dovut fl-intier tiegħu.

Fl-affidavit tiegħu, **Alfred Baldacchino** jgħid li hu ġie nfurmat mit-tifla tiegħu fis-26 ta' Jannar 2022 li kienet ġiet notifikata b'ittra uffiċjali bin-numru 253/2022 mibgħuta mir-Reġistratur tal-Kumpaniji indirizzata lilu personalment u lis-soċjeta' rikorrenti sabiex jiġu mħallsa diversi penalitajiet fir-rigward ta' nuqqasijiet tal-Kumpanija.

Jispjega li l-kumpanija ġiet reġistrata fl-1 ta' Ottubru 1995 u għal perjodu twal kienet puntwali fis-sottomissjonijiet tagħha iżda riċentament minħabba raġunijiet relatati mal-kummerċ tal-Kumpanija sabet ruħha f'posizzjoni mhux regolari.

Minkejja dan isostni li meta ntbagħtet l-ittra uffiċjali *de quo*, huwa vverifika l-ammont ta' penali mal-konsulenti legali tiegħu li nfurmawh li ċertu penali kienu skorretti u għalhekk kellu jintavola dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Minn naħa tiegħu, l-**intimat Reġistratur tal-Kumpaniji** jgħid li s-soċjeta' rikorrenti Mediterranean Research Bureau Ltd kienet ġiet reġistrata fil-1 ta' Ottubru 1966 u matul il-perjodu taż-żmien ta' kemm ilha reġistrata naqset milli tibgħat kontijiet u prospetti annwali skont kif jitlob minnha l-Att in vigore dak iż-żmien. Jgħid li fil-fatt kien biss wara l-intervent tar-Reġistratur li japplika d-diskrezzjoni tiegħu ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 li l-kumpanija ssottomettiet il-prospetti annwali għas-snin 2010 sal-2019.

Jispjega li dawn in-nuqqasijiet waslu lir-Reġistratur sabiex joħroġ il-penali skont l-artikoli relevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995 u għalhekk kemm il-kumpaniji u kif ukoll l-uffiċjali tagħha ġew suġġetti għal penali li baqgħu jiżdied stante l-inadempjenza tar-rikorrenti u dan ai termini tal-Artikoli 183(6) u 184(3) tal-Att dwar il-Kumpaniji tal-Kap 386.

Isostni li għalhekk is-somma ta' disat' elef, seba' mija u Ewro u ħamsin ċenteżmu (€9,701.50) hi dovuta u li l-ittra uffiċjali numru 253/22 datata 20 ta' Jannar 2022, hija valida fil-liġi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-proċedura dwar kif persuna tappella minn avviż dwar Penali imposti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji tinsab fl-**Artikolu 401(3) sa (16) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħidu testwalment hekk:

> (*3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jum li matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż*
>
> *(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dikil-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdixproċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekkstabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.*

*(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.*

*(7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur.*

*(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.*

*(9) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.*

*(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistratur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.*

*(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; dan għandu ukoll jiddikjara fir-risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeżmagħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.*

*(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss*

*aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.*

*(13) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.*

*(14) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*

*(15) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika tal-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.*

*(16) Id-deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu(5), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas dik il-penali, għandha, meta ssir res judicata,titqies li hi deċiżjoni tal-qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi huma tnejn il-lanjanzi tar-rikorrenti, fl-ewwel lok illi hemm *items* ta' penalitajiet illi jagħmlu referenza għall-provvedimenti tal-liġi illi ma teżistix, u fit-tieni lok, illi hemm *items* ta penalitajiet illi huma preskritti.

Dwar l-ewwel lanjanza, ir-rikorrenti ighidu illi fil-prospett illi huma rċevew u kif ukoll fil-prospett illi ġie esebit fil-mori, jirriżulta illi hemm *items* ta'

penalitajiet illi qed jiġu mposti ai termini ta' l-Artikolu 183(10) tal-KAP 386, liema Artikolu huwa ineżisti, u kwindi dawn għandhom jiġu kkancellati.

Il-Qorti tifhem illi din il-lanjanza qed titressaq fir-rigward tal-*items* 1, 6 u 7 fuq il-prospett anness mal-ittra uffiċjali (fol 8) tal-proċess, rispettivament fl-ammonti mitluba ta' €5738.50, €190 u €160.

F'dan ir-rigward, il-Qorti ser tislet dak li qalet fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2023 fil-proċeduri fl-ismijiet **Albert k/a Robbie Borg et vs Reġistratur tal-Kumpanniji** (12/2022ISB) u tagħmlu tagħha:

> *Il-Qorti tosserva di sua sponte li l-artikolu hekk kif ċitat f'sitta mis-seba' items, "183(10)" tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeżistix izda tinnota ukoll illi fil-Hdax il-Skeda tal-Att huwa evidenti illi hemm zball dattilografiku fejn "183(1)" qed taqra "183(10)". Ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tqis illi r-Registratur intimat rriproduca t-test kif jinsab fl-Iskeda, imma tenut kont anke d-deskrizzjoni generali tan-nuqqasijiet attribwibbli lir-rikorrenti kif indikati u fil-kuntest tal-ispirtu tal-ligi, partikolarment fil-kuntest tal-artikolu 427 tal-KAP 386, din il-Qorti sejra tqis illi l-izball fil-prospett notifikat lir-rikorrenti mhux wiehed serju bizzejjed biex iwassal ghat-thassir tal-istess avviz jew penali mposti, izda sejra tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-awtoritajiet konceranti sabiex jaraw ghandiex issir l-emenda necessarja sabiex ma jkunx hemm konfuzjoni ulterjuri u nuqqas ta' kjarezza fil-ligi.*

Huwa għalhekk illi din l-ewwel lanjanza ser tiġi skartata in kwantu illi l-Qorti tqis illi ma għandhiex mis-sewwa.

Dwar it-tieni lanjanza, u cioe` illi hemm "*numru ta' penali li huma preskritti*", il-Qorti trid tibda' biex tgħid illi r-rikorrent naqas milli jipprova, jew almenu jindika, liema mill-*items* ta' penalitajiet msemmija fir-rendikont lilu mibgħut huma milquta bil-preskrizzjoni.

Ir-rikorrenti jirreferu biss għall-**Artikolu 427(3) tal-KAP 386** li jgħid espressament hekk:

> *Azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt dan l-Att tkun preskritta hekk kif jgħaddu ħames snin minn meta n-nuqqas ikun sar.*

Min-naha tar-Reġistratur intimat jingħad illi l-kumpannija kienet inadempjenti fl-obbligi tagħha u baqgħet hekk inadempjenti minkejja illi kienet interpellata tirregolarizza l-pendenzi tagħha u konsegwentament, jirriżultaw ukoll il-penali *per diem* kif stipulati fil-liġi.

Jingħad ukoll illi r-rikorrenti naqqsu milli jippreżentaw kopja legali tal-ittra uffiċjali u lanqas għalhekk ma tirriżulta prova ċara tad-data meta huma ġew notifikati bl-ittra uffiċjali.

B'hekk, u meta l-Artikolu 401(6) tal-KAP 386 jistipula ċar, anke u addirittura taħt piena ta' nullita`, illi r-rikorrent għandu (a) jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, (b) il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, (c) ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u (d) it-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma għamlu xejn minn dan. Mhux biss ma hemm xejn minn dan fir-rikors promotur, li fiħ inniffsu ġja jista' jġib in-nullita`, imma saħansitra lanqas ma nġiebu provi ċari sabiex tkun sostanzjata kif trid il-liġi l-lanjanza tal-preskrizzjoni. Fuq kollox il-prova kienet tinkombi fuq ir-rikorrenti, u lanqas indikazzjoni ċara għall-liema penali kienu qed jattribwixxu l-preskrizzjoni ma għamlu, wisq aktar ġabu l-prova suffiċjenti.

Ulterjorment, fit-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti saret referenza għal *items* 6, 7 u 8 u tirreferi għad-dati ndikati hemmek fil-prosett. Filwaqt illi rreferiet ghal DOK CF1 biex allegat illi hemm diskrepanzi, jidher illi r-rikorrent ftit fehem illi dawk l-*items* jirreferu ukoll għall-penali *per diem* illi r-rikorrenti qed jinkorru peress illi jippersistu fl-inadempjenza tagħhom li jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpannija.

Huwa għalhekk illi filwaqt illi anke din il-lanjanza ser tiġi skartata peress illi l-Qorti ssib illi din ukoll ma għandha ebda fondament fattwali u ġuridiku, il-Qorti trid tirrepeti dak li dejjem sostniet f'deċizjonijiet fi proċeduri ta' din in-natura, u, **tirriafferma illi filwaqt illi kull penali mposta mir-Reġistratur intimat ai termini tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta'**

**Malta għandha tkun skont il-liġi, b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet ta' min ikun soġġett għal tali penalitajiet, b'danakollu kull kumpannija u kull uffiċjali ta' kull kumpannija għandu jara illi jkun rigoruz fit-tħaris tal-obbligi legali tiegħu mar-Reġistratur kif trid il-liġi, mhux lanqas id-diretturi, peress illi r-Reġistratur għandu d-dritt, anzi l-obbligu, illi jassigura illi jinżamm Reġistru tas-soċjetajiet nadif u skond il-liġi, b'dan illi min jonqos ikun irid mhux biss jottempra ruħu, iżda jaffaċċja l-konsegwenzi bħal ma huma l-penalitjiet.**

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, u wara illi qieset u ħadet konjizzjoni tal-atti kollha u l-provi mressqa u wara li kkunsidrat il-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, il-Qorti jidhrilha illi għandha tiċħad t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi tiddikjara t-talba tar-Reġistratur tal-Kumpaniji dedotta fl-ittra uffiċjali tal-20 ta' Jannar 2022, ossija ittra uffiċjali numru 253/2022 bħala valida fil-liġi u konsegwentament tiddikjara s-somma ta' disat' elef, seba' mija u Ewro u ħamsin ċenteżmu (€9,701.50) bħala dovuta mir-rikorrenti in solidum bejniethom a favur ir-Reġistratur intimat.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a kariku tar-rikorrenti.

**Il-Qorti qed tordna (għal darb'oħra bħal ma għamlet f'deċiżjonijiet oħra) illi kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi notifikata lill-Ministru responsabbli mill-Uffiċju tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet sabiex jieħu nota ta' dak li jidher illi huwa żball dattilografiku fil-ħdax-il Skeda tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, kif hawn fuq jingħad, u jgħaddi, sabiex jieħu l-passi biex tali diskrepanza/zball/anomalija tiġi mneħħija mill-liġi tagħna.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**